# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 31 ta' Mejju 2019**

**Numru 20**
**Rikors kostituzzjonali numru 64/2017 SM**

**Francis u Mary konjuġi Scicluna**

***v.***

**L-Avukat Ġenerali u l-Awtorità tal-Artijiet**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija fis-17 ta' Ottubru 2018 mill-Prim'Awla tal-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali li laqgħet eċċezzjoni tal-konvenuti taħt l-art. 907(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili billi sabet illi l-atturi, qabel ma bdew il-kawża tallum, ma kinux ħallsu l-ispejjeż ta' kawża oħra għall-istess ħaġa li kienu irrinunzjaw għaliha. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-atturi kellhom sehem minn immobbli li kienu ġew esproprjati mill-gvern. Billi dehrilhom illi l-mod kif saret l-esproprjazzjoni – kemm iż-

żmien li ħadet il-proċedura u kemm il-kumpens li l-gvern offra li jħallas – kien bi ksur tal-jedd tagħhom għat-tgawdija ta’ ħwejjiġhom imħares taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [“il-Kostituzzjoni”] u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [“l-Ewwel Protokoll”], huma fetħu kawża bir-rikors kostituzzjonali numru 13/2005 kontra l-Kummissarju tal-Artijiet – illum l-Awtorità tal-Artijiet, li hija konvenuta fil-kawża tallum ukoll – u talbu illi l-qorti:

> »i. tiddikjara u tiddeċiedi illi ż-żamma tal-pussess tal-fondi *de quo* u/jew l-aġir tal-istess intimat … jivvjola d-drittijiet fundamentali tagħhom hekk kif sanċiti fl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;
>
> »ii. konsegwentement tagħti dawk ir-rimedji kollha neċessarji, inkluż *inter alia* li tordna lill-intimat li jagħti kumpens adegwat lir-rikorrenti liema kumpens ikun ‘*reasonably related’* mal-valur ta’ l-imsemmija fondi llum il-ġurnata liema kumpens għandu jinkludi fih kumpens għaż-żmien li r-rikorrenti sfaw imċaħħda mill-proprjetà tagħhom mill-intimat mingħajr ebda bażi legali u tagħmel dawk l-ordnijiet u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex jitwettqu u jitħarsu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.«

3. Il-kawża nqatgħet fl-ewwel grad b’sentenza tas-6 ta’ Ottubru 2006. L-atturi appellaw iżda l-appell mar deżert fid-9 ta’ Lulju 2007.

4. Imbagħad fis-16 ta’ Awissu 2017 l-atturi fetħu l-kawża tallum, kontra l-l-Awtorità tal-Artijiet u wkoll kontra l-Avukat Ġenerali, dwar l-istess proprjetajiet u l-istess proċedura ta’ esproprjazzjoni, u talbu illi l-qorti:

> »i. tiddikjara li l-kumpens mogħti a bażi tal-Kap. 88 fuq il-proprjetajiet 16 u 18, Triq it-Turġien, Valletta, u 23, Triq il-Punent, Valletta, mhux adegwat jew proporzjonat, u hu leżiv id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċit fl-artiklu 1 tal-Protokol 1 tal-Konvenzjoni u fl-artiklu 37 tal- Kostituzzjoni;
>
> »ii. tiddikjara li l-fatt li ġew imċahhda mill-proprjetajiet tagħhom mingħajr ma ngħataw kumpens għal kważi 40 sena hu leżiv l-istess artikli indikati fil-paragrafu preċedenti;

»iii. tagħmel dawk l-ordnijiet li tqis xierqa biex tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, inkluż li tordna lill-intimati jagħtu kumpens xieraq lir-rikorrenti li jirrifletti l-valur tal-proprjetajiet illum.«

5. Il-konvenuti ressqu din l-eċċezzjoni, fost oħrajn:

»illi qabel jipproċedu bil-kawża odjerna, ir-rikorrenti kellhom iħallsu l-ispejjeż rigwardanti l-appell kostituzzjonali minnhom abbandunat u rinunzjat,«

6. Bis-sentenza li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

»Takkolji l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati: tiddikjara li konsegwenza tal-istess il-kawża odjerna intavolata mir-rikorrenti ma tistax tibda; tirrespinġi għalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti Francis u Mary konjuġi Scicluna.«

7. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfisra hekk fis-sentenza appellata:

»illi apparti l-fatt li l-intimati jikkontestaw il-mertu in diżamina, qegħdin preliminarjament jeċċepixxu l-fatt li din il-proċedura ma tistax tiżviluppa għaliex qabel jintraprendu din il-proċedura r-rikorrenti kien misshom ħallsu l-ispejjeż dovuti in konnessjoni mal-appell kostituzzjonali minnhom abbandunat;

»Ikkunsidrat:

»illi in sosstenn tat-teżi preliminari tagħhom l-intimati jistrieħu fuq l-artiklu 907(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula s-segwenti:

> »"Il-parti li tirrinunzja għall-atti għandha tħallas l-ispejjeż tal-kawża u hija ma tistax tibda kawża oħra għall-istess ħaġa, qabel ma tkun fil-fatt ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra".

»Ikkunsidrat:

»illi f'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet <u>Deborah Anne Buttigieg *et v.* Joseph Rapa *et*</u>, datata l-20 ta' Diċembru 2017, li sostniet is-segwenti:

> »"Illi, qabel xejn, irid jingħad li, bħala prinċipju, l-artikolu 906(1) tal-Kap. 12 jagħti l-jedd lil kull waħda mill-partijiet li, f'kull waqt tal-kawża sal-għoti tas-sentenza, tirrinunzja b'nota għall-atti li hi tkun ressqt f'dik il-kawża. Il-liġi trid, madankollu, li, meta jiġri hekk, il-parti li tirrinunzja għall-atti tħallas l-ispejjeż tal-kawża u ma tistax tibda kawża oħra dwar l-istess ħaġa qabel ma tkun ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra. Sakemm ir-rinunzja tkun waħda mingħajr kundizzjonijiet, il-parti l-oħra ma tistax tirrifjutaha;
>
> »"Illi ċ-ċessjoni ta' kawża hi waħda mill-għamliet ta' rinunzja għall-atti, u tibda sseħħ hekk kif issir fil-forma li tippreskrivi l-liġi u, ladarba tkun saret, ma tistax titħassar jew tinġibed lura minħabba li r-rinunzja toqtol – sal-limiti li fiha tkun saret – il-mixi 'l quddiem tal-proċess ġudizzjarju;

»"Illi r-riżervi magħmula f'nota ta' ċessjoni jew rinunzja (bħal, per eżempju, 'biex l-esponenti jirregola ruħu aħjar' jew 'bla preġudizzju għal kull azzjoni oħra spettanti lill- esponenti') ma jagħmlux tali rinunzja waħda kundizzjonata, u l-parti l-oħra ma tistax tirroftaha. Ingħad li r-*ratio* ta' dan l-ordinament magħżul mil-liġi tagħna hu li hekk kif jiddependi mill-attur jistitwix il-ġudizzju jew le, hekk ukoll minnu stess jiddependi jekk iridx ikomplih jew iwaqqfu f'kull waqt tal-kawża";

»illi *in vista* tal-artiklu fuq ċitat u tal-insenjament fuq riprodott, jirriżulta assodat li persuna tista' biss tintavola kawża oħra kontra l-istess persuna fuq l-istess mertu wara li tkun ċediet kawża preċedenti fil-konfront tiegħu biss bil-kundizzjoni li din tkun ħallset u għamlet tajjeb għall-ispejjeż kollha involuti fil-proċess li hi stess tkun ċediet.

»Ikkunsidrat:

»illi minn eżami tal-atti tal-kawża odjerna jirrizulta assodat:

»illi l-kontendenti ġà kellhom kawża bejniethom fuq l-istess mertu hawn in diżamina li kien deċiż in prim'istanza fis-6 t'Ottubru 2006;

»illi r-rikorrenti fil-kawża indikata fil-paragrafu preċedenti intavolaw appell mill-istess sentenza;

»illi fid-9 ta' Lulju 2007 l-istess rikorrenti abbandunaw u irrinunzjaw l-appell indikat fil-paragrafu preċedenti, liema appell għalhekk kien dikjarat deżert;

»illi ma jirriżultax li r-rikorrenti ħallsu l-ispejjeż tal-proċeduri fuq indikati qabel ma intavolaw il-proċedura odjerna hawn in diżamina;

»illi fir-rigward tan-nuqqas tal-pagament tat-taxxa tar-registru għall-proċedura in diżamina, ir-rikorrenti Francis Scicluna jiddikjara li ma jaf xejn fir-rigward u li m'għandux riċevuta tal-pagament, waqt li martu, ir-rikorrenti Mary Scicluna, tiddikjara li huma kellhom id- dokumentazzjoni kollha għand l-avukat u, sa fejn taf hi, kollox kien kif suppost, u illi, *di più*, issosstni li r-riċevuta tal-pagament *de quo* qiegħda fil-*file*.

»Ikkunsidrat:

»illi ovvjament id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti Mary Scicluna hi sempliċement allegazzjoni unilaterali li ma ġietx sostenuta bil-prova materjali *stante* li l-irċevuta ma ġietx ipprezentata *in atti* bħala prova tanġibbli ta' dak minnha sostenut;

»illi għalhekk tali affermazzjoni ma tistax tiġi emnuta u konsegwentement din il-qorti hi konvinta li l-ispejjeż tal-kawża in diżamina ma tħallsux mir-rikorrenti;

»illi, *in vista* tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li l-ispejjeż tal-kawża fuq riferita baqgħu ma tħallsux.

»Ikkunsidrat:

»illi tagħmel referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet <u>Josephine Bonello *proprio et nomine v.* John Bonello</u>, datata l-31 ta' Jannar 2003 li sostniet is-segwenti:

»"'… *trattandosi di leggi di procedura che hanno progetto l'ordine pubblico mediante un convenzionismo di forma, non si deve ammettere altra interpretazione che la letterale nel senso che, dove la legge prescrive una certa forma, questa si debba*

> *osservare alla lettera e non per equipollens*' (Vol XVIII p. I p. 879; Vol XLIX p. I p. 421)".
>
> »Ikkunsidrat:
>
> »illi għalhekk hawn *si tratta* ta' ordni pubbliku u mhux ta' kwistjoni ta' legaliżmu jew formaliżmu żejjed, u għalhekk, stabbilita l-liġi, din għandha tiġi osservata *ad litteram*.
>
> Ikkunsidrat:
>
> »illi *in vista* tal-premess din il-qorti hi tal-fehma li l-artiklu 907(2) tal-Kap. 12 fuq riprodott japplika *in toto* għal kaz in dizamina u konsegwentement l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati timmerita li tiġi akkolta.«

8. L-atturi appellew b'rikors tal-24 ta' Ottubru 2018 li għalih il-konvenuti wieġbu fis-7 ta' Novembru 2018.

9. Fl-ewwel aggravju tagħhom l-atturi jgħidu illi ma kellhomx jagħtu lill-Awtorità tal-Artijiet ["l-Awtorità"] l-ispejjeż ġudizzjarji tal-appell tal-ewwel kawża billi dawk l-ispejjeż kienu ġew paċjuti mal-ispejjeż ġudizzjarji tal-ewwel grad illi l-Awtorità kellha tagħti lilhom.

10. Ifissru illi is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ewwel kawża (dik mibdija bir-rikors kostituzzjonali numru 13/2005) – li saret *res iudicata* ladarba mar deżert l-appell – kienet ikkundannat lill-Awtorità tħallashom l-ispejjeż tal-ewwel grad, li kienu ta' elf, tliet mija u ħdax-il euro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€1,311.53), li huma aktar mill-ispejjeż ġudizzjarji tal-Awtorità fil-grad ta' appell fl-istess kawża, li kienu sitt mija u sittax-il euro u ħdax-il ċenteżmu (€616.11). Għalhekk wara li sseħħ tpaċija jiġi li l-atturi ma għandhom jagħtu xejn lill-Awtorità, u anzi hija l-Awtorità li fadlilha tagħti lill-atturi.

11. Il-konvenuti wieġbu illi tpaċija sseħħ bejn żewġt idjun likwidi, iżda l-ispejjeż ġudizzjarji ma humiex likwidi għax trid tinħadem fuqhom it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

12. Din l-oġġezzjoni tal-konvenuti hija fiergħa għall-aħħar. Il-fatt illi mit-taxxa ta' drittijiet u spejjeż iridu jinstiltu d-drittijiet professjonali u fuqhom tinħadem it-taxxa b'kalkolu matematiku sempliċi ma jfissirx li s-somma dovuta ma hijiex likwida.

13. Il-konvenuti komplew igħidu wkoll illi, ladarba ż-żewġt idjun jitnisslu mill-istess rapport ġuridikiu, bejniethom ma sseħħx tpaċija iżda biss regolament tal-kontijiet.

14. Dan l-argument ukoll huwa fieragħ. Issejjaħlux tpaċija jew issejjaħlux regolament ta' kontijiet, il-fatt jibqa' li l-partijiet kienu fl-istess ħin kredituri u debituri ta' xulxin, u wara eżerċizzju sempliċi matematiku dejn jinqatel bl-ieħor sal-ammont tal-iċken dejn b'mod li jibqa' biss kreditur wieħed u debitur wieħed għall-bilanċ. Il-fatt jibqa' wkoll illi l-atturi ma fadlilhom xejn x'jagħtu lill-Awtorità b'titolu ta' spejjeż ġudizzjarji.

15. Il-konvenuti igħidu wkoll illi tpaċija ma tistax isseħħ għax id-dejn ma huwiex "mistqarr" mill-Awtorità. Iżda ma hija meħtieġa ebda stqarrija ladarba d-dejn tal-Awtorità jirriżulta minn taxxa uffiċjali ta' drittijiet. Lanqas ma jiswa l-argument illi l-Awtorità għadha tista' tattakka t-taxxa taħt l-art. 64 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kull dejn jista' jiġi attakkat jew kontestat u allura b'dan l-argument qatt ma tista' sseħħ tpaċija. Il-liġi iżda tgħid illi t-tpaċija sseħħ *ipso iure*

hekk kif ikun hemm żewġt idjun likwidi, ċertu u dovuti – bħal ma huma fil-każ tallum – u sseħħ ukoll bla ma jkunu jafu l-partijiet.

16. Fl-aħħarnett il-konvenuti jgħidu wkoll illi t-tpaċija ma tistax isseħħ "għaliex illum m'għadx hemm żewġt idjun billi … l-appellanti ħallsu ħallsu d-dejn tagħhom". Tassew illi l-atturi fl-24 ta' Ottubru 2018, *i.e.* wara li ngħatat is-sentenza appellata, ħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji tal-appell. Dan iżda ma jħassarx it-tpaċija li kienet ġà seħħet qabel; kull ma jfisser hu li l-ħlas magħmul mill-atturi huwa *solutio indebiti* u għal-hekk għandu jintradd.

17. Ir-raġunijiet imressqa mill-konvenuti kontra l-ewwel aggravju tal-atturi huma, fil-fehma tal-qorti, kollha fiergħa u għalhekk l-aggravju għandu jintlaqa'. Billi dan huwa biżżejjed biex jintlaqa' l-appell, ma jibqax meħtieġ illi l-qorti tqis l-aggravji l-oħra.

18. Il-qorti għalhekk tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm